Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 292/2017

Il-Pulizja

Spettur Rennie Stivala

Vs

Vanya Aquilina

Illum it-12 ta' Diċembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Vanya Aquilina detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 242873(M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b' diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1. approprjat ruha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u li kienet giet fdata lilha minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz jew minhabba depositu necessarju u cioe' hlasijiet ta' assikurazzjoni ghad-dannu ta' Rausi Managment Services LTD u Prudential Assurance Company LTD, b' valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37);
2. talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza billi hallset lil diversi individwi permezz ta' dawn ic-cekkijiet jew inkella sarrfet l-istess cekkijiet bi qliegh ghaliha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Gunju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 293, 294, 310 1 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni tal-imputata, sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatha tħallas l-ispejjes peritali fl-ammont ta' € 205.90. Kif ukoll applikat il-provvediment tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 fejn tat l-fakulta' lill-parte civile li jezegwixxi il-bilanc dovut mill-imputata quddiem il-qrati civili.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fl-4 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

a. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellata hatja tal-akkuzi addebitati lilha (fuq ammissjoni) u
b. Tghaddi sabiex tirrevokaha u thassarha f' dik il-parti fejn iddikjarat is-segwenti: **"kif ukoll tapplika l-Artikolu 24 tal-Kap 446 fejn taghti l-fakulta' lill-parte civile li jesegwixxi kif jistipola c-civil."[1],** u minflok tipprovdi l-ammont u l-kundizzjonijiet hekk kif kontemplat fl-artikolu 24 hawn fuq imsemmi, jew alternattivament tirrevokaha u thassarha f' dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellata ghall-liberta' kkundizzjonata ghal-tlett [3] snin u minflok tipprovvdi ghall-piena aktar approprjata ghall-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

[1] Enfasi u sottolinear tal-esponent

Rat l-aggravji tal-appellant li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli issegwi id-dettami tal-ligi, cioe' dak li hemm stipulat fl-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tenut kont tal-provi prodotti l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma tirriflettix l-agir kriminali tal-appellata.

Illi r-reati sehhew bejn is-sena elfejn u sitta (2006) u l-elfejn u tnax (2012), qabel ma sehhew l-emendi tal-elfejn u erbatax (2014) l-artikolu 310 sub-inciz (1) (a) kien jikkontempla sa massimu ta' seba' (7) snin habs. Fil-kaz in dizamina l-ammont huwa circa erba' mitt elf ewro (€ 400,000), fejn l-appellata fil-mori tal-proceduri hallset ftit aktar minn nofs u b'hekk fadal pendenti cirka mija u sittin elf ewro (€ 160,000).

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern iddecidiet li tapplika l-artikolu 24 tal-Kodici Kriminali, li jistipola dan li gej, cioe':

"24. (I) Meta Qorti taghmel ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunita`, ordni ta' probation u servizz, ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi hadd ghal kollox tista', minghajr pregudizzju ghall-poter li ghandha dwar l-ispejjez taht l-artikolu 380 u 533 tal-Kodici Kriminali, tordna lill-hati jhallas dawk id-danni ghal xi feriment jew b' kumpens ghal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar ragonevoli.

(2) Ordni ghall-hlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tigi infurzata bl-istess mod bhallikieku din kienet inghatat f' azzjoni ciivili bejn il-hati, u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jigu ordnati li ghandhom jithallew.

Izda ebda naha f' dan l-artikolu m' ghandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont iehor li jifdal b' xi mezz iehor minghand il-hati jew minghand xi persuna ohra li tista' tkun responsabbli ghall-istess hlas."

Pero sfortunatament l-Qorti ma segwitx dak li hemm kontemplat fl-imsemmi artikolu, stante li fl-ahhar parti tas-sentenza provdiet is-segwenti **"kif ukoll tapplika l-Artikolu 24 tal-Kap 446 fejn taghti l-fakulta' lill-Parte Civile li jesegwixxi kif jistipola c-civil."[2].**

Illi bid-dovut rispett tali frasi ma hijiex in sodisfazjon ta' dak mahsub fl-artikolu 24, u lanqas ma tforni certezza legali, ghax ma hi xejn ghajr frasi generali tad-drittijiet li diga' jgawdi l-Parte Civile, u bid-dovut rispett tali dritt jemanixxi mil-ligi u mhux minn Ordni tal-Qorti;

Illi hija l-umli fehma tal-esponent li gialadarba l-Qorti iddecidiet li tapplika l-artikolu 24, kellha fl-ewwel lok tiddikjara l-ammont dovut lill-Parti Civile,

[2] Enfasi u sottolinear tal-esponent

fejn tali ammont jista' facilment jigi kkalkolat mill-provi prodotti fl-atti processwali, u fit-tieni lok tipprovdi z-zmien u l-metodu ta' kif tali ammont ghandu jigi mhallas mill-appellata;

Illi in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghal dak suindikat gialadarba ma jigiex applikat l-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent jemmen li f' dak il-kaz l-provi prodotti jimmilitaw favur piena karcerarja. Bl-ebda mod l-esponent ma jrid jinftiehem li qieghed jattakka d-diskrezzjoni li tgawdi minnha l-Qorti, pero' hija l-umli fehma tal-esponent li stante li jkun hemm ammont konsiderevoli li jibqa' dovut, piena bhal dik inflitta' la hija ta' deterrent ghall-appellata, la tipprovvdi protezzjoni lis-socjeta' in generali u fuq kollox ma tipprovdiex gustizzja lil Parte Civile li b' tali piena l-vittma tibqa' ssoffri minhabba l-agir kriminali kommess;

Semgħet trattazzjoni[3].

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell intentat mill-Avukat Ġenerali huwa limitat għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti, meta jilmenta illi tenut kont tal-gravita' tar-reati addebitati lill-appellata, kellha tigi imposta piena karcerarja effettiva oltre ghal fatt illi fil-fehma tal-Avukat Generali wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellata, hija kellha tghaddi imbaghad biex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif imfassla fl-istess disposizzjoni tal-ligi u mhux kif imfissra fis-sentenza impunjata.

Illi l-appellata giet misjuba ħatja mill-Ewwel Qorti tal-akkużi kollha miġjuba kontriha u dan wara li rreġistrat ammissjoni fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2017[4]. Infatti l-ilment tal-Avukat Ġenerali jittratta l-mod kif l-Ewwel Qorti imponiet l-artikolu 24 tal-Kap 446 li jagħti l-fakulta` lil min jiġġudika li jimponi l-ħlas ta' danni jew kumpens apparti l-applikazzjoni ta' ordni ta' probation, liberta kundizzjonata, ordni ta' servizz fil-komunita' jew ordni ta' probation u servizz (combination order). Fil-każ *de quo* l-Ewwel Qorti imponiet ordni għall-liberta kundizzjonata fuq l-appellata u kwindi kellha l-fakolta` li tagħmel użu minn dak dispost fl-artikolu 24 tal-Kapitolu

[3] Verbal a folio 256 datata l-25 ta' Ottubru 2018.
[4] Verbal a folio 236 tal-atti proċesswali.

446 iżda fil-fehma tal-appellant il-mod kif il-Qorti applikat din id-disposizzjoni tal-ligi kien irregolari.

Illi skont il-ġuriprudenza tal-qrati taghna sabiex il-Qorti tal-Appell tvarja l-piena li tkun giet erogata mill-Ewwel Qorti, din trid tkun wahda barra mill-parametri legali jew irregolari skont id-dettami applikati għal każ li jkun.

> ***"il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Gieli ikun hemm varjazzjoni tal-piena meta l-Qorti tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita' ghall-hati li biha jkun jista' jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz, bhal ma huwa dak tad-droga.[5]"***

Bl-istess mod fl-appell fl-ismijiet Pulizija vs. Massimiliano Maurizio[6] l-Qorti ddikjarat illi:

> ***'Mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. F'kaz ta' appelli dwar il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt'.***

Konsegwentement meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tapplika l-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellata minflok tghaddi biex timponi piena karcerarja, hija setghet taghmel dan fid-diskrezzjoni moghtija lilha skont il-ligi. Illi l-Qorti tistqarr illi f'dan il-kaz ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u d-diskrezzjoni minnha ezercitata. Dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-appellata mhux biss irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha lilha addebitati izda ukoll qed taghmel hilitha biex issewwi z-zball illi ghamlet billi tirrfondi lill-parti leza l-flus

---

[5] Il-Pulizija vs Joseph Attard, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Patrick Vella, nhar is-26 ta' Jannar 2001.

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Joe Galea Debono, nhar it-13 ta' Novembru 2003. Ara wkoll Pulizija vs Guido Whitelaw et deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007, Repubblika ta' Malta vs David Vella deċiża fl-14 ta' Ġunju 1999 u Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina deċiża nhar l-24 ta' April 2003 fost oħrajn.

kollha mehuda indebitament. Kwindi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-Avukat Generali illi din il-piena ma kenitx wahda idonja. Dan ukoll ghaliex ghalkemm l-appellata jidher illi hallset parti sostanzjali mill-flus minnha mehuda, madanakollu ghad fadal bilanc dovut tant illi hemm kostituzzjoni ta' debitu pattwit fil-konfront tal-parti leza li permezz tieghu hija intrabtet li thallas il-bilanc rimanenti, fatt illi ma jistax ikun possibbli jekk hija tispicca inkarcerata.

Illi jibqa' allura biss l-ilment tal-appellant Avukat Ġenerali dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti applikat id-dettami tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446. Illi l-artikolu 24 jaqra hekk:

> ***(1) Meta l-Qorti tagħmel ordni ta'probation, ordni ta' servizz fil-komunita`, ordni ta' probation u servizz, ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għalkollox <u>tista',</u> mingħajr preġudizzju għall-poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-Qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.***
>
> ***(2) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1),il-Qorti tista' tordna li tali spejjez jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.***
>
> ***(3) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat fl-azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:***
>
> ***Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista' tkun responsabbli għall-istess ħlas.***

Illi l-Ewwel Qorti meta rreferiet għal dan l-artikolu fid-deċide tagħha qalet hekk:

> ***'....Kif ukoll tapplika l-artikolu 24 tal-Kap 446 fejn tagħti l-fakulta' lill-parte ċivile li jesegwixxi kif jistipola ċ-ċivil'.***

Kwindi jidher ċar li din il-parti tad-decizjoni ma hijiex in konformita' mad-dettami tal-ligi u dan ghaliex ma jigiex specifikat kemm hu il-kumpens li ghandu jithallas u l-modalita' tal-hlas.

L-appellata tilqa' ghal dan l-aggravju meta tinsisti illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta għamlet din id-dikjarazzjoni mingħajr ma speċifikat oltre minn hekk u dan fid-dawl tal-kostituzzjoni ta' debitu milhuq favur is-socjeta' Rausi Insurance Agency Limited. Jirriżulta wkoll mill-provi li oriġinarjament l-ammont ta' flus li ġie mehud indebitament mill-appellata *ex admissis,* u skont il-komputazzjonijiet magħmula mis-soċjeta parte ċivile, kien jilhaq is-somma ta' tlett mija sitta u disgħin Elf Euro (€396,000) li minnhom diġa tħallset somma konsiderevoli u fejn fadal bilanċ ta' l-fuq mill-mitt elf Euro li skont l-appellata ser jitħallsu interament ġaladarba jsir il-bejgħ tal-proprjeta' tagħha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-iskop tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 imur ferm oltre minn dikjarazzjoni li tagħti l-fakolta lill-parte ċivile tieħu dawk il-mizuri permessi lilha fil-kamp ċivili fid-dawl tal-pendenza bejn il-partijiet. Dan johrog mid-dicitura adoperata mill-legislatur fl-artikolu 24, partikolarment mis-subartikoli (2) u (3) tal-istess disposizzjoni tal-ligi, fejn il-Qorti tingħata anki l-fakolta` li tordna li l-ħlas isir bin-nifs u fejn allura l-ewwel qabel kollox il-Qorti trid tiddetermina u tispeċifika fis-sentenza tagħha kemm hu l-ammont dovut bħala kumpens apparti l-ispeċifikazzjoni ta' kundizzjonijiet dwar il-modalita' tal-ħlas jekk dan ikun il-każ. Kwindi id-dikjarazzjoni ġenerika b'referenza għall-artikolu 24 kif ippostulata mill-Ewwel Qorti, ma huwiex konformi mad-dicitura tal-ligi.

Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Avukat Ġenerali ghandu ragun f'dan l-aggravju minnu intentat u dan ghaliex gjaldarba l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Kap.446 fil-konfront tal-appellata, hija kellha imbaghad tghaddi biex tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut u tispecifika l-modalitajiet ghal hlas tal-istess. B'dan illi dejjem jibqghu impregudikati id-drittijiet civili spettanti lill-parti leza skont il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellant Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata tal-14 ta' Ġunju 2017 b'dan illi tghaddi biex tikkonfermaha fejn sabet lill-appellata hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u fejn l-Ewwel Qorti lliberata bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 għal żmien tlett snin, kif ukoll ikkundannata ghall-ħlas tal-ispejjez

peritali ammontanti għal €205.90 bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, filwaqt li tirrevokaha fil-bqija billi tordna, wkoll li ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-appellata Vanya Aquilina tħallas is-somma ta' Mija u tnejn u ghoxrin elf Euro (€122,000) rappreżentanti l-bilanċ dovut lill-parte ċivile, liema ammont ghandu ikun pagabbli fi zmien tlett snin mil-lum.